A.L. 216 ta' l-2003

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Liċenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, fuq il-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u data tad-dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Liċenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Drittijiet għal Liċenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 7 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:–

(a) minflok il-paragrafu (a) tagħha, għandu jidħol dan li ġej:–

"L-ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna *Dritt għal Applikazzjoni* *Lm*	It-Tielet Kolonna *Dritt ta' Kull Sena* *Lm*
"(a) Liċenzja għal Servizz ta' Investiment"		
Kategorija 1a	300	500
Kategorija 1b	300	600
Kategorija 2	400	1200
Kategorija 3	650	1500
Kategorija 4	1500	3000
Kategorija 5	60	120".

(b) fil-paragrafu (e) tagħha, minflok il-figuri:

It-Tieni Kolonna *Dritt għal Applikazzjoni* *Lm*	It-Tielet Kolonna *Dritt ta' Kull Sena* *Lm*
"600	100"

għandu jidħol dan li ġej:

"1000	200".

(ċ) fil-paragrafu (f) tagħha, minflok il-figuri:

It-Tieni Kolonna *Dritt għal Applikazzjoni* *Lm*	It-Tielet Kolonna *Dritt ta' Kull Sena* *Lm*
"250	75"

għandu jidħol dan li ġej:

"500	150".